MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1995/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittiijiet ta' l-assikurati taghha Carmen Schiavone u l-istess Carmen Schiavone**

**Vs**

**Joseph Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta'Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u erbatax-il lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm314.76) rappresentanti tliet kwarti tad-danni li sborsaw bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara iz-Zejtun fit-22 ta' Awissu 1999, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru KAA 207, habat mal-vettura numru BAC251, proprjeta ta'l-

attrici Carmen Schiavone u misjuqa minn Massimo Schiavone, ghal liema incident il-konvenut kien dikjarat responsabbli fi grad ta' tliet kwarti permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Dicembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet Joseph u Rita konjugi Mifsud vs Massimo Schiavone (Avvz. Nru. 1857/99DM) (document A), li ghaddiet in gudikat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar 2000, dawk ta'l-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mid-data tal-presentata ta'l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-17 ta' Settembru 2002, fejn huwa eccepixxa illi:

1. L-istanza kif proposta mhix proponibbli u lanqas ma tista' tkun accettabbli peress illi l-atturi qatt ma kienu parti fil-kawza li huma qed isemmu bhala kawzali ghat-talbiet taghhom, u ghalhekk dawn il-proceduri huma nulli.
2. Illi t-talbiet ta'l-atturi huma in konnessjoni mad-danni sofferti fil-vettura misjuqa mill-konvenut, li ma hux parti f'dawna l-proceduri, u li l-ebda Qorti ma iddecidiet min kellu ihallashom u lanqas ma kien hemm talba fir-rigward taghhom.
3. Illi bla pregudizzju ghal dan, il-konvenut f'dawn il-proceduri ma huwiex responsabbli ghal incident li ikkawza d-danni mertu ta' dawn il-proceduri, imma huwa responsabbli Mario Schiavone, li kien ix-xufier tal-vettura ta' ommu Carmen Schiavone, li ikkawza l-incident minhabba s-sewqan eccessiv u n-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, negligenza u traskuragini, dak in-nhar ta'l-incident.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra id-digriet tal-20 ta' Novembru 2002 fejn giet milqugha t-talba maghmula mill-atturi ghall-allegazzjoni ta'l-atti tal-kawza li giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta'

Dicembru 2001 fl-ismijiet Joseph u Rita konjugi Mifsud vs Massimo Schiavone.

Ra r-rikors tal-konvenut tat-28 ta’ Novembru 2002, fejn huwa talab ir-revoka *contrario imperio* tal-provvediment tal-20 ta’ Novembru 2002.

Ra id-digriet tat-13 ta’ Jannar 2003, fejn din it-talba giet michuda.

Ra l-atti kollha tal-kawza deciza fl-14 ta’ Dicembru 2001 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet Joseph u Rita konjugi Mifsud vs Massimo Schiavone.

Sema' x-xhieda ta’ Joseph Mula u tal-konvenut Joseph Mifsud.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi diga’ hemm pronunzjament gudizzjarju rigward ir-responsabbhilta’ ghall-incident mertu tal-kawza u dana f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta’ Dicembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet Joseph u Rita Mifsud vs Massimo Schiavone fejn dik il-Qorti kienet sabet liz-zewg sewwieqa involuti f’dan l-incident stradali responsabbli ghall-incident in kwantu ghal Mifsud fi grad ta’ ¾ u lil Schiavone fil-grad ta’ ¼. Illi ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet illi din is-sentenza ghaddiet in gudikat.

Illi l-atturi qeghdin jitolbu kundanna mill-konvenut ghal hlas ghalhekk ta’ ¾ mid-danni minnhom sofferti f’dan l-incident u dana skond id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fir-rigward ta’l-ispartizjoni tal-htija ghal dan l-incident.

Illi min-naha tieghu l-konvenut qieghed jikkontesta din it-talba u dana peress illi fl-ewwel lok qieghed jecepixxi n-nullita ta’ dawn il-proceduri stante illi l-azzjoni ta’l-atturi ma

hijiex wahda proponibbli peress illi l-istess atturi qatt ma kienu parti fil-kawza li abbazi taghha huma qeghdin iressqu it-talbiet taghhom permezz tal-presenti istanza.

Illi jirrizulta mill-atti processwali illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati kienet titratta talba ghad-danni b'konsegwenza ta' incident stradali li sehh gewwa iz-Zejtun bejn il-konvenut fil-kawza odjerna u Massimo Schiavone li kien is-sewwieq tal-vettura proprjeta ta'l-attrici f'din il-kawza u assikurata mas-socjeta attrici. Illi fatt mhux ikkontestat huwa ukoll illi l-pronunzjament ta'l-Qorti tal-Magistrati ghadda in gudikat, stante illi ma kienx hemm appell jew talba ghal ritrattazzjoni mill-imsemmija sentenza. Dak li qed jikkontesta l-konvenut huwa l-fatt illi dik is-sentenza ma setatx tifforma gudikat fil-konfront tieghu f'kawza ghal kundanna tal-hlas ta' danni abbazi ta'l-istess incident stradali u kwindi l-atturi qatt ma setghu jipproponu l-azzjoni odjerna abbazi ta' din is-sentenza u kwindi t-talba kif minnhom imressqa hija wahda nulla.

Illi sabiex sentenza tghaddi in gudikat huma rikjesti tlett elementi u cioe' (1), l-identita ta'l-oggett tal-gudizzju, 'l hekk imsejjha "*eadem res*" (2) l-identita' tal-fatt guridiku li minnu jitnissel d-dritt pretiz, l-"*eadem causa petendi*" u (3) l-identita' tal-partijiet – l-*eadem personae*. (ara sentenza fost ohrajn Caterina Farrugia et noe vs Alfred Delia noe et. deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru 1965).

Illi ghalhekk jekk it-Tribunal isib il-presenza ta' dawn it-tlett elementi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, huwa ma jistax jissindika l-istess sentenza u ma jistax jaghti pronunzjament gdid, anke jekk dana ghal grazzja ta'l-argument ikun wiehed simili, fuq mertu li diga' ghadda in gudikat u kwindi l-azzjoni kif proposta mill-atturi tkun wahda legalment valida.

Illi jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-oggett tal-gudizzju huwa l-istess u cioe' l-incident stradali li sehh gewwa z-Zejtun bejn l-konvenut u Massimo Shiavone. Illi d-dritt pretiz huwa wiehed ghal danni abbazi ta' dikjarazzjoni ta'

responsabbilta ghall-imsemmi incident stradali, liema talba kienet ukoll tifforma il-mertu tal-kawza deciza quddiem l-Qorti tal-Magistrati. Illi fir-rigward ta'l-identita tal-partijiet, ghandu jinghad illi ghalkemm l-konvenut fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati ma jiffugurax f'dina l-istanza, madanakollu l-atturi huma l-persuni illi materjalment sofrew id-danni fl-incident stradali mertu tal-kawza u li ghalhekk ghandhom interess guridku li jippromwovu din l-azzjoni u mhux Massimo Schiavone, li kien biss is-sewwieq tal-vettura involuta fl-incident li *del resto* kienet proprjeta ta' Carmen Schiavone u assigurata mas-socjeta attrici.

Kieku kellu jigi segwiet ragjonament divers, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, kieku kien ikun wisq facli illi wiehed jevita l-effetti ta' gudikat bis-semplici espedjent illi din il-kawza qed tigi proposta minn nies li ma kenux parti fil-kawza l-ohra li ghaddiet in gudikat, izda li legalment huma l-unici persuni li ghandhom, fil-fatt l-interess guridiku li jippromuovu l-azzjoni odjerna. Massimo Schiavone ma seta' qatt jippproponi din l-azzjoni u lanqas ma ghandu interess guridiku illi ikun parti fl-istess peress illi huwa ma sofra l-ebda danni fl-incident mertu tal-kawza, izda kien biss is-sewwieq tal-vettura involuta fl-incident proprjeta ta'l-attrici u assikurata mas-socjeta attrici li effettivament sofrew l-imsemmija danni.

Isewgi ghaldaqstant illi lanqas it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ma hija wahda sostenibbli stante illi Massimo Schiavone ma jista' qatt ikun parti f'proceduri ghal talba ghal hlas ta' danni fil-konfront tal-konvenut, stante illi huwa ma ghandux interess guridiku jippromuovi l-istess azzjoni. Kwindi l-ebda Qorti jew Tribunal ma tista' tiddeciedi min ser ihallas id-danni sofferti minnu ghaliex Massimo Schiavone effettivament ma sofra l-ebda danni fl-incident stradali in kwistjoni, izda kienet ommu Carmen Schiavone u l-assikurazzjoni attrici li sofriet l-imsemmija danni u abbazi tal-presenti istanza huma qeghdin jitolbu kundanna ghal hlas tad-danni sofferti minnhom fil-konfront tal-konvenut u dana fid-dawl ta' sentenza li illum ghaddiet in gudikat.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dak hawn fuq deciz, it-Tribunal lanqas ma jista’ jissindika l-motivazzjonijiet u id-decizjoni li wasslet ghalihom il-Qorti tal-Magistrati (ghalkemm ghandu jinghad illi t-Tribunal jaqbel perfettament mad-decizjoni li wasslet ghaliha l-imsemmija Qorti), stante illi l-istess illum tifforma gudikat bejn il-partijiet u kwindi it-tielet eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dak deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn l-konvenut gie iddikjarat responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza fi grad ta’ ¾, t-talba attrici hija wahda gustifikata u tisthoqq illi tigi milqugha.

Illi ,mill-atti processwali ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni u ghalhekk l-ammont mitlub mill-atturi jidher ukoll illi huwa wiehed gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha mogthija mill-konvenut jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u erbatax-il lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm314.76), bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ Awissu 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tal-10 ta’ Jannar 2000, dawk ta’l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Jannar 2002 u dawk ta’l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma’l-avviz ghan-notifika ta’l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------